*TIBDIL FL-ISEM TA' PERSUNA ADOTTATA*

*ART 253(2) TAL-KAP 16*

*ATT XXIII TAL-2017*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru 2017

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 740/2015/LSO**

**"X" maghruf bl-isem "X1" detenur ta' passaport Ingliz numru 734659, kif rapprezentat mill- Avukat Rachael Bonello, karta tal-identita` numru 312764 (M) skont prokura hawn annessa u mmarkata Dok "A"**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent kif rapprezentat mill-Avukat Rachael Bonello talab li jigi korrett l-att tat-twelid tieghu (Dok B) billi flok l-isem li jinsab registrat "X" jigi registrat l-isem "X1" billi huwa konsistentement kien u ghadu maghruf b'dan l-isem u dan abbazi tal-artikolu 253 (2) tal Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta;

Rat **ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku** datata 2 ta' Novembru 2015 (fol 35) fejn gie eccepit li, preliminarjament li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jirrikorri; li *in limine litis* huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; li minghajr pregudizzju ghas-suespost l-att in kwistjoni huwa certifikat ta' adozzjoni u mhux att tat-twelid kif indikat fir-rikors promotur. Ghaldaqstant, l-esponenti umilment teccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta' u tiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti *stante* li, hekk kif kalendat fir-Regola 5 tal-Avviz Legali 396 tal-2003 (L.S. 12.19 Ordni

dwar it-twaqqif ta' Sezzjoni tal-Qrati Civili), il-Qorti kompetenti ghall-applikazzjonijiet taht Titolu Tlieta tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili hija Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja); li bla hsara ghall-premess, l-uniku artikolu tal-ligi li jippermetti li jkun hemm emendi jew korrezzjonijiet fid-digriet tal-adozzjoni huwa l-Artikolu 127 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jispjega l-procedura li biha l-adottant jew il-persuna adottata tista' titlob, permezz ta' rikors intavolat fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), li jkun hemm emenda jew korrezzjoni fid-digriet in kwistjoni. Illi ghalhekk persuna adottata ma tistax tattakka l-att tat-twelid galadarba hemm digriet ta' adozzjoni u dan ghaliex ic-certifikat t'adozzjoni huwa l-att tat-twelid tal-persuna adottata bid-dettalji tal-genituri jkunu dawk tal-adottanti; li minghajr pregudizzju, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-tielet eccezzjoni u l-inkartament ta' dawn il-proceduri jigu mghoddija quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) l-esponenti tirriserva li tissolleva eccezzjoniiiet ulterjuri f'dak l-istadju; li minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, fl-umli fehma tal-esponenti jidher illi hemm <u>kontradizzjoni</u> bejn l-ewwel talba u t-tieni u it-tielet talbiet tar-rikorrenti, *stante* li fl-ewwel talba qieghed jintalab li jigi dikjarat li r-rikorrent huwa konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem ta' *"X1"* u mhux bl-isem *"X",* waqt li fit-tieni u t-tielet talba qieghed jintalab li ssir korrezzjoni fl-isem tar-rikorrent, sabiex jigi registrat l-isem *"X1"* minflok l-isem *"X". [Enfasi tal-esponenti];* illi bla hsara, *in vista* tal-eccezzjoni surreferita l-partijiet ghandhom jiddeciedu b'mod definit xi jixtiequ u ghaldaqstant ghandom jikkjarifikaw taht liema

artikolu tal-ligi huma qeghdin isejsu l-azzjoni taghhom halli b'hekk l-esponenti tkun f'qaghda ahjar li tkun tista' twiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghda tirriserva u zzomm shih id-dritt taghha li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi huma qeghdin jorbtu l-proceduri istanti; li minghajr pregudizzju ghal fuq espost, mill-mod ta' kif inhi kostruwita l-ewwel t-talba, jidher li din it-talba tar-rikorrenti qed issir *ai termini* ta' Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mandankollu l-azzjoni taht dan l-artikolu 253 (2) tista' ssir biss fir-rigward ta' ismijiet kif jidhru fuq l-att tat-twelid ta' persuna. *[Enfasi tal-esponenti].* Illi *stante* li f'dan il-kaz it-talba qieghda ssir ghall-korrezzjoni fuq certifikat ta' adozzjoni ghaldaqstant dan l-artikolu mhux applikabbli. *[Enfasi tal-esponenti].* Ghaldaqstant *in vista* ta' dan kollu, l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tig michuda; li minghajr hsara ghall-premess, rigward it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti li kjarament jitlobu korrezzjoni fic-certifikat tal-adozzjoni, l-esponenti tipprevedi applikabbli ghaldaqstant l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola l-korrezzjoni tal-ismijiet. Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu korrezzjoni fl-isem ta' *"X",* izda sabiex tintalab korrezzjoni jehtieg li jigi pruvat illi hemm zball fic-certifikat in ezami. Illi hawnhekk ma jirrizultax li sar xi zball 'il ghaliex id-Dipartiment tar-Registru Pubbliku nizzel *ad litteram* l-informazzjoni li tinsab fuq id-digriet tal-adozzjoni. *In vista* tal-fatt li ma jidhirx li hemm zbalji fuq ic-certifikat u *in vista* tal-fatt ukoll li l-kawza in ezami titratta kancellament ta' isem fuq certifikat ta' adozzjoni, dan jista' jsehh biss jekk

jigi emendat id-digriet tal-Qorti Civli (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fuq liema din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex kompetenza; li bla pregudizzju ghall-premess, *in vista* tat-tielet talba tar-rikorrenti fejn qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-isem “X” jigi mibdul bl-isem “X1” u b'zieda ma' dan, fejn jitlob fl-ahhar parti *"li dan ghandu jigi rifless f’kull Att tal-Istat Civili relattiv",* ghandha tigi michuda *stante* li l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi tinkwadra tali talba, japplika biss fir-rigward ta' talba gudizzjarja msemmija fis-sub-artikolu (2) cioe` meta jkun hemm talba *"ghar-registrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun uzat jew ikun uzat ghaliha l-familja taghha, u liema jkunu ddikjarati mill-Qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejha, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bhala l-isem jew l-ismijiet moghtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha."* Ghaldaqstant peress li dan il-kaz jittratta certifikat ta' adozzjoni u mhux att tat-twelid, kif diga` spjegat fl-eccezzjoni 9 surreferita, l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta mhuwiex applikabbli *stante* li l-azzjoni taht dan l-artikolu 253 (2) tista' ssir biss fir-rigward ta' ismijiet kif jidhru fuq l-att tat-twelid ta' persuna u mhux kif qieghed jintalab f'dan il-kaz, fejn it-talba qieghda ssir ghall-korrezzjoni fuq certifikat ta' adozzjoni. B'hekk lanqas l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwa applikabbli f'dan fl-kaz u t-talba hekk msejsa taht dan l-artikolu ma tistax tintlaqa'. Li bla hsara, l-informazzjoni li titnizzel fuq ic-certifikat ta' adozzjoni huwa skont ma jkun gie indikat u miktub fuq id-digriet tal-adozzjoni moghti mill-

Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, u ghaldaqstant jekk jirrizulta li hemm xi zball, dan ma hux tort tal-esponenti, ghaliex l-esponenti kulma ghamlet huwa li nizzlet *verbatim* l-informazzjoni li tinsab fuq id-digriet tal-adozzjoni; li minghajr pregudizzju, l-esponenti hija ristretta li temenda jew tikkoregi c-certifikat tal-adozzjoni diment li l-informazzjoni fid-digriet, moghti mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja (gja' Qorti Civili Sekond' Awla) fid-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija, sebgha u sebghin (1977) ma jigix ukoll ikkoregut, *stante* li d-Dipartiment tar-Registru Pubbliku jistrieh kompletament fuq l-informazzjoni moghti fuq id-digriet tal-imsemmija Qorti; li subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni hija tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi; li bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti; salv eccezzjoniijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' Ottubru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Rachael Bonello ghall-attur u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Dr Bonello

ddikjarat li ghalqet il-provi. Dr Ellul strahet fuq id-dokumenti esebiti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Novembru 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 et *sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-30 ta' Ottubru 2015 (fol 42) u b'hekk it-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

It-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tad-Direttur intimat huma sorvolati peress li din il-Qorti ddecidiet li ghandha tkompli tisma' l-kaz (verbal datat 1 ta' Dicembru 2015 – fol 43), u anke ssollecitat lill-Awtoritajiet biex din il-lakuna fil-Ligi li qed tohloq ingustizzja, tigi sanata. Difatti l-artikolu 127(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif hekk eccepit, ma jkoprix il-kaz in ezami billi dan l-artikolu jindirizza korrezzjonijiet ta' *zbalji* fic-certifikat addottiv. Il-kaz odjern ma jikkoncernax zball imma l-uzu konsistenti ta' isem minflok iehor.

Illi ghandu jinghad li l-fakolta li jsiri dwar tibdil fl-isem ta' persuni addottati gja kienet tezisti fil-ligi taghna permezz tal-Att XX tal-2015 li kienet tippermetti lill-persuni ta' orjentazzjoni LGBTIQ li jaghmlu applikazzjoni apposita lill-Qorti tal-gurisdizzjoni volontarja. Tali emmenda ma kienetx applikabbli ghall-persuni mhux ta' tali orjentazzjoni, kif hu evidenti mill-firxa ta' eccezzjonijiet sollevati mill-intimat f'din il-kawza b'opposizzjoni ghat-talbiet dedotti.

Madanakollu, fil-mori ta' dawn il-proceduri ddahlet emmenda ghall-**artikolu 253(2) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens li gew mizjuda l-kliem "*or an entry in the Adoption Persons Register*" kif jirrizulta a fol 78 tal-process.[1] Difatti, din l-emmenda giet effetwata fil-mori tal-kaz, u esebita mid-Direttur intimat minn fol 76 sa 79. Kwindi, id-distinzjoni fit-trattament li kienet tezisti fil-Ligi, riskontrata minn din il-Qorti waqt it-trattazzjoni, giet sanata, billi t-talba odjerna sabiex issir korrezzjoni fir-Registru ta' Persuni Adottati, saret ammissibli *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16. Ghalhekk, ladarba giet fis-sehh l-emmenda lill-artikolu 253(2) tal-Kap 16, sabiex dan l-artikolu japplika wkoll ghac-certifikati ta' adozzjoni, l-eccezzjonijiet hawn imsemmija m'ghadhomx iregu.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tikkura l-massima privatezza ta' persuni addottati u ghalhekk qed tiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex l-identita' taghhom tigi protetta anke f'din is-sentenza. B'hekk kull referenza ghall-kunjom

[1] Att XXIII.2017.52

qed jigi ommess ghall-ahjar protezzjoni tal-identita' tar-rikorrent.

Illi jigi precizat li din il-kawza tirrigwarda l-isem u mhux il-kunjom u ghalhekk it-tibdil fir-Registru tal-Persuni Addottati mhuwiex ser jeffettwa l-kunjom gja imsemmi.

Illi r-rikorrent qed jitlob korrezzjoni fl-isem fic-certifikat ta' adozzjoni tieghu kif registrat billi l-isem "X" jigi sostitwit bl-isem "X1".

Illi fil-mertu, jirrisulta li fid-dawl ta' l-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova a soddisfazzjon taghha li huwa konsistentement maghruf bl-isem "X1".

Referibbilment ghas-sitt u s-seba' eccezzjoni, jigi ritenut li m'hemm l-ebda kontradizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni talbiet kif dedotti. Illi fl-ewwel talba qed issir talba ghad-dikjarazzjoni, kif inhu maghruf u msejjah matul hajtu r-rikorrent u fit-tieni talba qed ssir talba ghall-korrezzjoni mehtiega.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-provi prodotti, u *in vista* tal-emmenda fl-artikolu 253(2) tal-Ligi, tqis it-talba tar-rikorrent bhala gustifikata kif trid il-Ligi.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Rigward il-kap tal-ispejjez, dak imnizzel fic-certifikat tal-adozzjoni jirrifletti dak indikat fid-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Ghalhekk, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat, b'hekk l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' din il-kawza.

Rigward it-tielet talba, u dak eccepit fl-ghaxar eccezzjoni tal-intimat taqbel li t-tielet talba tista' tintlaqa' limitatament ghall- att indikat u mhux ghall-atti ta' stat civili sussegwenti billi dawn ma gewx identifikati.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet billi tichad l-istess ghajr ghal dik li tirrigwarda l-kap tal-ispejjez u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent kien u ghadu konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem "X1" u mhux "X" flimkien ma' kunjomu.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-isem "X1" ghandu jigi registrat minflok l-isem "X" li jidher fl-att tat-twelid numru hamest elet, tmien mija u disgha u erbghin tas-sena elf, disa' mija u sitta u sebghin (5849/1976) u li jidher fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bhala l-isem tar-rikorrenti flimkien mal-kunjom tieghu fejn hu mehtieg;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel id-debita korrezzjoni hekk ordnat fl-att numru hamest elef tmien mija u disgha u erbghin (5849) tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976) u fl-isem tar-rikorrent kif inhu mnizzel fir-Reġistru ta' Persuni Adottati flimkien ma kunjomu.

Tordna li D-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont **l-artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

*Stante* c-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti qed tivvjeta l-pubblikazzjoni tal-isem tar-rikorrent anke fuq is-sistema ta' pubblikazzjoni tas-sentenzi tal-Qrati Gudizzjarji.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Novembru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru 2017**